**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/2079(INI)**

11.12.2024

# ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2024
(2024/2079(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Lara Wolters

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................8

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..............................................................................................................9

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2024**
**(2024/2079(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 101 sa 109 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni minn Ursula von der Leyen tat-18 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Europe's choice: political guidelines for the next Commission 2024-2029" (L-għażla quddiem l-Ewropa: Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029),

– wara li kkunsidra r-rapport minn Mario Draghi ta' Settembru 2024 bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea),

– wara li kkunsidra r-rapport minn Enrico Letta ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq),

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 21/2024 tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi – Reazzjoni rapida iżda nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-Kummissjoni u inkonsistenzi fil-qafas ta' appoġġ għall-objettivi tal-politika industrijali tal-UE",

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)[1],

– wara li kkunsidra s-sentenzi tal- Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Settembru 2022 fil-Kawża C-611/22 P (*Illumina vs il-Kummissjoni*)[2], tal-10 ta' Settembru fil-Kawża C-465/20 P (*Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International*)[3] u tal-10 ta' Settembru 2024 fil-Kawża C-48/22 P (*Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni*)[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2024 bit-titolu "Protecting competition in a changing world – Evidence on the evolution of competition in the EU during the past 25 years" (Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni f'dinja li qed tinbidel – Evidenza dwar l-evoluzzjoni tal-kompetizzjoni fl-UE matul dawn l-aħħar 25 sena),

---

[1] ĠU L 024, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj.
[2] Appell imressaq fit-22 ta' Settembru 2022 minn Illumina Inc. kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Lulju 2022 fil-Kawża 62021TJ0227, Illumina vs Il-Kummissjoni, ĠU C 432, 14.11.2022, p. 13.
[3] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2024, *Il-Kummissjoni Ewropea vs l-Irlanda u Apple Sales International*, 62020CJ0465, ECLI:EU:C:2024:724.
[4] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2024, *Google LLC u Alphabet Inc. vs il-Kummissjoni Ewropea*, 62022CJ0048, ECLI:EU:C:2024:726.

– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "CRA Market Share Report: 2023 edition" (Rapport dwar is-sehem tas-suq tas-CRA: Edizzjoni 2023) ippubblikat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2024),

A. billi kuntest ġeopolitiku diffiċli jirrikjedi approċċ imġedded għall-kompetittività Ewropea;

B. billi l-infurzar xieraq tal-qafas tal-politika tal-kompetizzjoni fil-livell tal-UE jwassal għal prezzijiet aktar baxxi, kwalità ogħla, innovazzjoni aktar mgħaġġla u ekonomija aktar reżiljenti;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Iqis li l-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi kontra l-konċentrazzjonijiet u l-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;

2. Itenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-politiki kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-ambjent u d-diġitalizzazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat sabiex jakkumpanja l-Patt għal Industrija Nadifa;

3. Jenfasizza li s-saħħa u l-importanza globali tas-suq uniku tal-UE jirriżultaw mhux biss mill-kompetittività interna u esterna tiegħu iżda wkoll mill-kapaċità tiegħu li jistabbilixxi standards soċjali u ambjentali komuni;

***Unjoni kompetittiva***

4. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tinvesti fil-kompetittività sostenibbli; jilqa' l-enfasi ta' Mario Draghi fuq l-innovazzjoni, l-investimenti, l-integrazzjoni tas-suq, id-dekarbonizzazzjoni u r-reżiljenza, u l-enfasi ta' Enrico Letta fuq l-integrazzjoni, l-awtonomija u s-solidarjetà; jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu l-innovazzjoni u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv;

5. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika industrijali tagħti spinta lill-kompetittività Ewropea; jinnota li dan ma jridx jirriżulta f'pożizzjoni dominanti fis-suq jew abbuż tiegħu, u jwissi kontra li tiġi permessa l-integrazzjoni tas-suq permezz ta' għaqdiet;

6. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni li jiddikjara li l-konċentrazzjoni tas-suq, il-marġnijiet kummerċjali u l-profitti żdiedu matul dawn l-aħħar 25 sena, filwaqt li d-dinamiżmu tal-industrija naqas, minkejja l-infurzar attiv tad-dritt tal-kompetizzjoni;

7. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar sabiex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna mill-Istat frammentata iġġib magħha kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati

Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jappella għal monitoraġġ aktar strett tan-notifika tal-għajnuna mill-Istat kif ukoll għal rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal- Qorti Ewropea tal-Awdituri;

8. Jieħu nota tal-istima ta' Mario Draghi li huma meħtieġa EUR 800 biljun addizzjonali fis-sena sabiex tiġi protetta l-kompetittività tal-UE tagħna; jirrikonoxxi l-importanza tal-investiment pubbliku f'dan il-kuntest; iqis li l-introduzzjoni ta' kapaċità tal-investiment permanenti tal-UE hija kruċjali;

*Prijoritajiet ta' infurzar*

9. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "għodda ġdida tal-kompetizzjoni" bħala għodda flessibbli ta' investigazzjoni tas-suq imfassla biex tindirizza l-problemi strutturali tal-kompetizzjoni billi tnaqqas l-ostakli għad-dħul għall-kompetituri, u dan bl-għan li tiżdied il-kompetittività, tiġi inċentivata l-innovazzjoni u jiġu protetti l-konsumaturi vulnerabbli;

10. Ifakkar li skont it-Trattat, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tindirizza abbużi ta' sfruttament; isostni li l-prijoritizzazzjoni tal-abbużi ta' sfruttament tal-konsumaturi tista' tgħin biex jiġu indirizzati direttament iż-żidiet fil-prezzijiet b'riżultat tal-inflazzjoni xprunata mill-profitti jew tal-inflazzjoni frott ir-rgħiba; jiddispjaċih li l-każijiet ta' sfruttament rari ġew segwiti mill-Kummissjoni u jitlob li l-linji gwida rilevanti jiġu aġġornati b'kunsiderazzjoni xierqa mogħtija lill-vulnerabbiltà tal-konsumatur;

11. Jirrikonoxxi l-eżistenza ta' bażi legali għal rimedji strutturali kontra l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' rieda mill-Kummissjoni li tindirizza l-pożizzjoni dominanti fis-suq permezz ta' rimedji strutturali; itenni l-istedina tiegħu biex isir użu aħjar mir-rimedji strutturali u tintemm is-supremazija mogħtija lir-rimedji komportamentali;

12. Jilqa' l-prijorità mogħtija lill-akkomodazzjoni mill-Kummissjoni l-ġdida; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif il-prinċipji tal-kompetizzjoni tal-UE jaffettwaw il-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ); jappella għal reviżjoni tas-SIEĠ li tespandi l-eżenzjoni għal akkomodazzjoni affordabbli għal unitajiet domestiċi b'introjtu medju; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-pożizzjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;

*Għaqdiet u antitrust*

13. Jinnota bi tħassib l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet fil-Kawża C-611/22 P (*Illumina vs il-Kummissjoni*), li tirrevoka l-approċċ tal-Kummissjoni li taċċetta riferimenti ta' ftehimiet mhux notifikabbli; jirrikonoxxi li r-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet iħalli lill-Kummissjoni mhux armata biżżejjed biex tindirizza l-akkwiżizzjonijiet predatorji; jemmen bis-sħiħ li l-impatt tad-deċiżjonijiet dwar l-għaqdiet fuq is-suq uniku jiġġustifika ż-żieda ta' bażi legali tas-suq uniku fir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet, sabiex il-koleġiżlaturi jiġu involuti bis-sħiħ, b'mod simili għal dak li seħħ fil-każ tal-Att dwar is-Swieq Diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għandhom jew li jistgħu

jinvokaw il-kompetenza neċessarja sabiex jirrevedu akkwisti potenzjalment predatorji fid-dawl tal-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-kontroll tal-għaqdiet, u biex ikomplu jirreferu dawk il-ftehimiet f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet;

14. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "difiża tal-innovazzjoni"; jappella, barra minn hekk, biex jitqiesu kwistjonijiet ta' interess pubbliku, bħall-ħarsien tal-klima, is-sostenibbiltà u l-istat tad-dritt meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq is-suq intern;

15. Jappella biex l-oqfsa ta' valutazzjoni tal-għaqdiet jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtajiet tal-ekonomija diġitali, fejn is-saħħa tas-suq tista' tintwera b'modi lil hinn mis-sehem mis-suq tradizzjonali; jappoġġja l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda biex jiġu analizzati pożizzjonijiet dominanti mmexxija mid-data u l-effetti tan-network;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom;

***Politiki settorjali***

17. Jilqa' ż-żewġ kawżi storiċi reċenti li jikkonfermaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim dwar it-taxxa li l-Irlanda għandha ma' Apple u Google jikkostitwixxi prattika antikompetittiva;

18. Jenfasizza l-konċentrazzjonijiet inkwetanti tas-suq f'diversi swieq diġitali, bħal dawk tal-media soċjali, il-magni tat-tiftix, l-intelliġenza artifiċjali, is-servizzi tal-cloud u r-reklamar online; jissottolinja l-impatt negattiv reali u potenzjali fuq il-kompetittività Ewropea, il-protezzjoni tad-data, is-soċjetà u d-demokrazija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-suq tat-teknoloġija, inklużi s-setgħa infrastrutturali, l-amalgamazzjoni vertikali u l-ingranaġġ fis-swieq diġitali;

19. Jappella għall-infurzar vigoruż tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni, inkluż ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

20. Jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni f'bosta swieq tal-konsumaturi, inklużi dawk tas-servizzi finanzjarji, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija tal-unitajiet domestiċi, u jappella għal integrazzjoni akbar u aktar mgħaġġla tas-suq fejn hemm benefiċċji għall-konsumaturi;

21. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu fuq fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE;

***Involviment parlamentari***

22. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni;

°

° °

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 56 (2) tar-Regoli ta' Proċedura, in-nota spjegattiva tiġi inkluża aktar qrib il-votazzjoni.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| Autoriteit Consumenten en Markt |
| Universiteit van Amsterdam |
| Forvis Mazars |
| Aedes |
| EDPIA |
| BEUC |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.